## JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2003

Educational Assessment Unit - Education Division

**FORM 5** **SOCIAL STUDIES (OPTION)** **TIME: 1hr 45mins**

Name: ______________________________ Class: ______________

**Taqsima A**

**Aqra din is-silta u wieġeb ħames mistoqsijiet f'madwar 30 kelma għal kull mistoqsija:**

Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem hi l-istqarrija l-aktar aċċettata fid-dinja. Il-messaġġ prinċipali tagħha hu l-valur ta' kull bniedem. Id-Dikjarazzjoni kienet adottata unanimament fl-10 ta' Diċembru, 1948 mill-Ġnus Magħquda (għalkemm 8 pajjiżi astjenew). Tippreżenta lista ta' drittijiet bażiċi għal kulħadd fid-dinja hi x'inhi r-razza, kulur, sess, lingwa, reliġjon, opinjoni politika, oriġini nazzjonali jew soċjali, propjeta', stat. Tistqarr li l-gvernijiet wegħdu li jżommu dawn id-drittijiet, mhux biss għaċ-ċittadini tagħhom, imma wkoll għal nies f'pajjiżi oħra. Fi kliem ieħor, il-fruntieri nazzjonali ma jtellfux li tingħata għajnuna biex oħrajn jiksbu d-drittijiet. Mill-1948 'l hawn id-Dikjarazzjoni Universali kienet il-mudell internazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem. Fl-1993 konferenza dinjija ta' 171 stat li rrappreżentaw 99% tal-popolazzjoni tad-dinja reġgħet affirmat l-impenn tagħha għad-drittijiet tal-bniedem.

1a. X'tifhem meta ngħidu Drittijiet tal-Bniedem?

b. Semmi 2 drittijiet bażiċi għal kulħadd.

2a. X'tifhem b'Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem?

b. Kemm-il artiklu fiha?

c. Semmi wieħed minnhom.

3a. Nisimgħu b'sitwazzjonijiet fid-dinja fejn id-drittijiet tal-bniedem ma jiġux rispettati. Politiċi u għaqdiet internazzjonali ħadu azzjoni biex ma jkomplux isiru dawn l-abbużi. Semmi t-tliet tipi ta' azzjonijiet li jistgħu jittieħdu.

b. Fisser wieħed minnhom.

4a. X'inhi l-Ġnus Magħquda?

b. Liema episodju storiku wassal għat-twaqqif tagħha?

c. F'liema pajjiż jinsab il-kwartieri ġenerali tagħha?

5a. Semmi 3 gruppi li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem.

b. Agħti tagħrif qasir dwar wieħed minnhom.

6a. Barra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem jeżistu 2 konvenzjonijiet oħra ta' drittijiet. Liema huma?

b. Agħti tagħrif dwar wieħed minnhom.

7a. Id-Dikjarazzjoni taqsam għadd ta' drittijiet fi:
(i) drittijiet ċivili u politiċi;
(ii) drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali
Lejn xiex huma orjentati d-drittijiet (i) u d-drittijiet (ii)

b. Agħżel kategorija u agħti eżempju wieħed ta' dritt inkluż fiha. (25 marka)

**Taqsima B**

**<u>Aqra din is-silta u wieġeb ħames mistoqsijiet f'madwar 30 kelma għal kull mistoqsija</u>:**

Jekk nieqfu naħsbu ftit nindunaw li l-ambjent Malti l-ħin kollu jinbidel. Toroq li sa ftit żmien ilu kienu biss raba', illum saru *by-passes* mill-aqwa. Fejn sa ftit snin ilu kien biss raba', illum hemm *housing estates* ta' djar kbar u moderni. Ċerti rħula kienu żviluppati f'żoni turistiċi u nbnew lukandi lussużi u żiedu iktar il-postijiet ta' divertiment.

Dan kollu ġabilna ġid kbir f'ħajjitna. Ħafna iktar nies għandhom dar moderna u sabiħa. It-toroq ġodda jippermettulna nivvjaġġaw b'iktar effiċjenza u b'inqas ħin minn qabel. Iżda qatt ħsibna kemm tlifna art li b'ebda mod ma nistgħu nġibuha lura? Nafu li ma' kull biċċa art li nitilfu nkunu tlifna darba għal dejjem biċċa mill-wirt naturali tagħna? X'se jsir minna jekk se nibqgħu sejrin hekk?

1. X'tifhem bil-kelma tniġġis?

2. Għaliex il-konservazzjoni tan-natura hi importanti?

3. X'taħseb li huma l-effetti tat-turiżmu fuq l-ambjent Malti?

4. L-iżvilupp qed jagħmel il-ħajja tal-bniedem aktar komda imma jista' jkun għadu ta' l-ambjent naturali. Għid kif qed jagħmel il-ħsara.

5. Kif jistgħu l-konsumatur u l-produttur jagħmlu ħsara lill-ambjent?

6. Semmi ħames modi kif l-individwu jista' jgħin l-ambjent.

7. Semmi ħames għaqdiet li jaħdmu favur l-ambjent. (25 marka)

**Taqsima Ċ**

**<u>Agħżel TNEJN minn dawn u ikteb mhux inqas minn 250 kelma dwar kull waħda</u>**

a. Semmi l-ħames funzjonijiet tal-familja. Għaliex ir-rwoli tal-mara u tar-raġel fi ħdan il-familja nbidlu f'dan l-aħħar seklu? Xi rwol għandhom l-anzjani fil-familja moderna?

b. Semmi l-erba' funzjonijiet tas-sistema edukattiva. Kif jistgħu dawn il-funzjonijiet ikunu marbuta mal-bżonnijiet tas-soċjeta'?

c. Iddeskrivi r-rwol ta' gruppi ta' pressjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi. X'differenza hemm bejn grupp ta' pressjoni u partit politiku?

d. Il-kwistjonijiet politiċi jaffettwaw lil kulħadd. Hija r-responsabilta' ta' kulħadd li nkunu għaqlin u prudenti fir-relazzjonijiet ma' popli oħra. Ikkummenta.

e. Huma x'inhuma l-kawżi tal-gwerra, it-tbatija hija dejjem kbira ħafna. Iddiskuti.

(25 marka x 2)